**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**It-2 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 15 ta' April 2013 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Bini Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill Lokali**
4. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2013**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-2 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 15 ta' April 2013 fl-4:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-6:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-1 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 6/2013 mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 6/2013 – Awguri u ringrazzjament tas-servizz li tajtu lill-Komunita'.**

2.2 Inqrat Memo 7/2013 mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ftuħ tal-Uffiċini tal-Kumitati Reġjonali tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi, is-Sibt 30 ta' Marzu 2013 – Sibt il-Għid.**

2.3 Inqrat Memo 8/2013 mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 8/2013 – Direzzjoni dwar l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Lokali.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Taħdita dwar Francesco Vella – 12 ta' April 2013**.

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Premjijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2013 / *National Enterprise Support Awards 2013***.

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kollaborazzjoni bilaterali ma' Midden-Delfland, l-Olanda.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Mary Grace Pace mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bit-titlu ***April – May Activity Posters***.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Żammit mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bit-titlu **Data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill li fiha ġiet ippreżentata l-Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku u Viċi-Sindku.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Elizabeth Vassallo mir-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Reġjun Nofsinhar – Sessjoni Plenarja Annwali 2013 – Att: Segretarju Eżekuttiv.**

2.9.1 Is-Sindku, Viċi-Sindku u tlett Kunsillieri se jattendu għal din is-Sessjoni Plenarja Annwali.

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 26/2013 – Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki**.

2.10.1 Is-Sindku David Schembri u l-Viċi-Sindku Charles Zerafa se jattendu għal din il-laqgħa.

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK bit-titlu **Awguri mill-ANSEK**.

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Bonello, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba bit-titlu ***Proposal,*** dwar it-Trasport Pubbliku.

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Bezzina, Perit tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu **Bankina fi Triq Ħaġar Qim, Qrendi**.

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto ta' Transport Malta, bit-titlu **Talba għal Sinjal Isfar fi Triq Santa Katarina, Il-Qrendi**.

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto ta' Transport Malta, bit-titlu ***Request for Double Yellow line opposite garage no. 42, Triq it-Torri, Il-Qrendi***.

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-Paying Agency bit-titlu ***Tender Adjudication Report Templates.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Edric Micallef minn Transport Malta, bit-titlu **30, Triq is-Salvatur Qrendi**.

2.17.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni, biss jidher li ċertu nies iddejqu biha, speċjalment in-nies ta' dik l-akwata.

2.17.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar din il-bankina.

2.17.3 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li qed ikun hemm problema għall-karozzi li jkunu ġejjin minn Triq il-Kbira u jinżlu fi Triq iż-Żurrieq, speċjalment mindu saret din il-bankina.

2.17.4 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li se nitkellmu ma' Transport Malta dwar dan il-każ u naraw kif nistgħu nipproċedu.

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ray Abela, *TCTC Managing Director* bit-titlu ***IKIDS Project and a Free 7" Android Tablet for you***.

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur R. Buhagiar, Assistent Kap tal-Kulleġġ San Thomas More Sekondarja Bniet Santa Luċija, bit-titlu ***School initiatives – Sta Lucia GSS***.

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvino Żammit bit-titlu **Rotta Nru 72**.

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, bit-titlu **Dawl fi Triq Rokku Buhagiar**.

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, bit-titlu **Tiswija u Tisbieħ tal-Istatwa ta' S. Marija.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gabriel Ebejer bit-titlu **Għaqda Maltija tal-Ortikultura.**

2.23.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għal din is-sena nipparteċipaw f'din l-attivita' tal-Għaqda Maltija tal-Ortikultura.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.24 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Robert Falzon, Segretarju taċ-Ċentru Laburista Qrendi, b'awguri lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

## 3. BINI AMMINISTRATTIV ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-leġiżlaturi ta' qabel, dejjem kien hemm il-ħsieb li jinbena uffiċċju amministrattiv ġdid u fil-fatt hemm il-flus allokati għalhekk.

3.2 Qal li l-lok magħżul huwa fejn il-Ġnien ta' Nicolo' Communet.

3.3 Żied li l-permess tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv ġdid se jiskadi fl-2014 u l-Kunsill Lokali għandu kollox lest, biss trid issir reviżjoni ta' estimi kemm se jiġi jiswa dan il-bini llum.

3.4 Kompla li bħalissa qed ikun imsebbaħ il-Ġnien Nicolo' Communet, biss irridu niddeċiedu jekk hux se nagħmlu tisbieħ estensiv jew inkella għandniex nistennew li jinbena l-uffiċċju l-ġdid.

3.5 Il-Viċi-Sindku qal li t-tisbieħ tal-bandli u l-bini tal-post iridu jimxu id f'id.

3.5.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku.

3.6 Is-Sindku qal li bħalissa qiegħed isir tisbieħ tal-Ġnien sabiex għallinqas it-tfal ikunu jistgħu jilgħabu fih.

3.7 Il-Kunsillier Daniela Farrugia pproponiet li l-Kunsill Lokali għandu jikkonsidra l-idea li jsir *outdoor gym.*

3.7.1 Is-Sindku ssekonda din il-proposta.

3.8 Żied li l-Kunsill Lokali permezz tas-Segretarju Eżekuttiv, irid jiċċekkja jekk

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kemm-il darba l-Kunsill għandux bżonn jagħmel referendum fil-lokalita' dwar jekk isirx dan il-bini minħabba l-ispejjeż li jinvolvi u li probabbli jkollu jidħol għal xi self mill-banek.

3.9 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandna nipproċedu fuq dan il-proġett u nevalwaw bis-serjeta' t-triq 'il quddiem.

## 4. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2013

4.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li fl-aħħar laqgħa tas-sotto-kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata kienu konklużi diversi affarijiet.

4.2 Qal li issa għandna konferma uffiċjali li għal dan il-Festival se jkun hemm il-kantant lokali Gianluca Bezzina flimkien ma' ħutu, l-grupp Red Electrick, Hooligan, kif ukoll id-duo Ġorġ u Pawlu.

4.3 Żied li anke Euro Caterers se jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-Festival ta' din is-sena fejn għall-ewwel darba f'Malta se jinbiegħ il-ġelat tal-patata u jista' jkun ukoll li jkollna l-ġelat tal-birra, imma għad irid ikollna konferma dwar dan.

4.4 Semma' kif is-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna sal-lum kellhom jibgħatu l-preferenzi tagħhom għall-ikel li se jagħmlu f'dan il-Festival.

4.5 Anke l-importaturi/esportaturi tal-patata, s-Sur Raphael Scerri u s-Sur Michael Caruana se jkunu qegħdin jieħdu sehem f'dan il-Festival bħalma għamlu s-sena l-oħra.

4.6 L-*Old Motors Club* ukoll se jkunu qegħdin jipparteċipaw b'wirja tal-karozzi antiki matul l-għodwa.

4.7 Il-Viċi-Sindku kompla jgħid li bħala Kunsill Lokali ktibna lill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu kif ukoll lis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Drittijiet tal-Annimali sabiex naraw jekk nistgħux nikru tined, kannizzati u gazerbos.

4.8 Żied li dwar palk, jew jirnexxielna nġibu tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu nkella jkollna nikru wieħed.

4.9 Semma' wkoll il-kwotazzjoni li ġibna mingħand Nexos Lighting, f'liema kwotazzjoni n-Nexos qegħdin jisponsorjaw lill-Kunsill Lokali.

4.10 Is-Sindku David Schembri qal li żgur se jkun hemm bżonn l-għajnuna f'dan il-Festival u għaldaqstant hemm bżonn li kulħadd jinvolvi ruħu.

4.11 Il-Viċi-Sindku qal li min-naħa tiegħu se jkun qiegħed jitkellem mat-tiraturi bil-qaws sabiex forsi nilħqu ftehim u dan isir fil-Ġnien tal-Kmand.

4.12 Qal li se jkun qiegħed jiċċekkja wkoll dwar il-falkuniera.

4.13 Is-Sindku qal li wara li jispiċċa jkanta Gianluca Bezzina jkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jagħtih memento tas-suċċess tiegħu fil-Malta Eurovision Song Festival.

4.13.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar din il-proposta.

4.14 Is-Sindku semma' wkoll liż-żagħżugħ Alec Falzon, ġuvni bi bżonnijiet speċjali li qiegħed jagħmel suċċess f'diversi kompetizzjonijiet li qed jieħu sehem fihom.

4.14.1 Ippropna li dan il-ġuvni għandu wkoll jingħata rikonoxximent mill-Kunsill Lokali.

4.14.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

5.1 Is-Sindku David Schembri beda billi rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, lill-Assistent Prinċipal Stephania Grixti kif ukoll lis-Sur Charlie Seguna, ħaddiem tal-IPSL għax-xogħol li qegħdin jagħmlu fi ħdan il-Kunsill Lokali.

5.2 Tkellem ukoll dwar laqgħa li saret mal-IPSL. Qal li l-Kunsill Lokali spiċċa b'ħaddiem wieħed u waqt din il-laqgħa ġie deċiż li jintbagħtu aktar ħaddiema l-Qrendi fuq bażi temporanja.

5.3 Semma' wkoll li beda x-xogħol ta' tisbieħ fuq Ġnien Nicolo' Communet kif ukoll għaddej it-tisbieħ fuq il-ħadid li jdawwar l-istatwa ta' Santa Marija fi Triq il-Parroċċa.

5.4 Qal ukoll li ntbagħtu żewġ ħaddiema sabiex jgħinu wkoll fil-qtugħ ta' ħaxix.

5.5 Żied li s-Sur Charlie Seguna qiegħed jikkordina fuq dak kollu li jkun hemm bżonn relatat ma' xogħol manwali tal-Kunsill Lokali.

5.6 Is-Sindku qal li l-ħajt tan-niżla ta' Wied iż-Żurrieq se jsir ukoll mill-ħaddiema tal-Gvern.

5.7 Semma' wkoll il-Monument tal-Madonna ta' Lourdes fi Triq Antonio Chircop.

5.8 Qal li wasal iż-żmien li jsir tisbieħ ta' din iż-żona.

5.9 Qal ukoll li saret laqgħa mal-ELC dwar din iż-żona u ġie deċiż li se jsir tisbieħ tas-siġar u tal-madwar li għandu jkun lest qabel il-festa tal-Madonna ta' Lourdes ta' din is-sena.

5.9.1 Żied li tlabna wkoll għall-*planters* biex isiru fi Triq Rokku Buhagiar kif ukoll f'Misraħ Santa Marija.

5.9.2 Qal li sar ukoll żbir ta' siġar fi Triq Wied iż-Żurrieq sabiex ma jkunx hemm

ostaklu għas-sewwieqa u għal dawk li jgħaddu jimxu minn dawn l-inħawi.

5.9.3 Żied li se jsir ukoll tisbieħ fil-ġnien ta' wara l-grawnd magħruf bħala ta' Dun Raymond, tisbieħ li se jsir fil-ġimgħat li ġejjin.

5.9.4 Kompla li hemm ċertu ħaxix taħt il-grawnd li propjament huwa responsabbilita' tal-Knisja, imma bħala Kunsill Lokali rridu naraw kif se nieħdu ħsiebu.

5.9.5 Semma' wkoll id-diskussjonijiet li bdew mal-ELC dwar it-tisbieħ tar-roundabout int u dieħel il-Qrendi.

5.10 Is-Sindku semma' d-dwal fi Triq Rokku Buhagiar li qegħdin koroh quddiem il-Knisja Parrokjali.

5.10.1 Qal li suppost dawn għandhom jiġu rranġati malajr kemm jista' jkun minħabba li hemm tlett bozoz maqtugħin, filwaqt li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jevalwa jekk 'il quddiem jistax isir tibdil tagħhom kollha.

5.11 Is-Sindku semma' l-każ fejn iridu jsiru żewġ bollards fit-truf ta' Triq il-Kbira, Sqaq Nru. 2.

5.12 Is-Sindku semma' wkoll laqgħa li saret mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Oliver Farrugia.

5.12.1 Qal li fuq nett tal-Aġenda kien hemm il-finalizazzjoni tal-proġett tal-Maqluba, b'mod speċjali l-bankijiet u l-imwejjed li għandhom jiġu nstallati fil-ġimgħat li ġejjin.

5.12.2 Qal li dawn se jkunu tal-ġebel u fuqhom ikun hemm plastik riċiklat jew injam u jkunu differenti minn dawk li diġa' kien hemm u li kienu proposti qabel dawn.

5.12.3 Żied li għadha trid issir *snag list* dwar dak li fadal isir sabiex jiġi konkluż dan il-proġett.

5.12.4 Se ssir laqgħa fuq il-post nhar l-Erbgħa 17 t'April fejn anke se nkunu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qegħdin nitkellmu dwar Misraħ il-Maqluba.

5.12.5 Qal li hemm il-ħsieb ukoll li jiġi rranġat is-saqaf tal-Kappella ta' San Mattew kif ukoll se jiġu rranġati l-bibien u t-twieqi tal-kappella, xogħol li suppost għandu jsir mill-MTA.

5.12.6 Dwar id-dawl f'Misraħ il-Maqluba qal li bħala dawl huwa sabiħ ħafna u ssemmiet ukoll il-possiblita' li d-dawl ta' Triq Rokku Buhagiar isir fuq l-istess livell.

5.13 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Wied iż-Żurrieq u dwar it-Torri Xutu li issa għadda f'idejn Din l-Art Ħelwa.

5.13.1 Qal li suppost dawn għandhom jibdew jieħdu ħsieb dan it-torri u bħalissa qegħdin ifittxu sponsor sabiex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħol fuqu.

5.13.2 Is-Sindku qal ukoll li bħala Kunsill Lokali ntlabet laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu Karmenu Vella sabiex jiġu diskussi diversi punti relatati mat-turiżmu u mal-Qrendi.

5.13.3 Din il-laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa 17 t'April fis-6:30pm fil-Palazz tal-President, il-Belt Valletta sabiex il-proposti msemmija f'din il-Minuta jkunu mressqa quddiem il-Gvern Ċentrali.

5.14 Is-Sindku semma' wkoll diversi proposti ta' restawr, fosthom li jiġu rrestawrati l-istatwi ta' Santa Marija u Santu Rokku fi Triq il-Parroċċa, kif ukoll l-istatwa ta' Sant'Anna fit-triq li ġġib l-istess isem.

5.15 Is-Sindku tkellem dwar il-Ġnien tal-Kmand. Qal li dan il-Ġnien għandu bżonn ta' manutenzjoni immedjata għaliex f'ċertu postijiet jinstab f'sitwazzjoni prekarja.

5.15.1 Qal li hemm bżonn li dan jiġi rranġat u se nkunu qegħdin nitolbu kwotazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill Lokali sabiex naraw kemm jiġi jiswa' dan ix-xogħol, kif ukoll se nkunu qegħdin nevalwaw il-possibilta' li nġibu xi fondi mill-Unjoni Ewropea għal dan il-proġett.

5.16 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq Ħaġar Qim.

5.16.1 Qal li s'issa saret ukoll Triq il-Bali Guarena biex tikkomplimenta l-proġett tal-PPP, biss il-Kunsill Lokali għandu jikkonsidra bis-serjeta' li jagħmel il-biċċa ta' quddiem il-Palazz tal-Bali Guarena.

5.16.2 Żied li l-isqaq ta' quddiem il-Palazz jinsab fi stat diżastruż minħabba li għadu ma sarx *re-instatement* min-naħa tad-*Drainage Department* wara li ġie mgħoddi d-drenaġġ għall-Palazz tal-Guarena.

5.16.3 Irrefera għall-kwotazzjoni li għandu f'idejh il-Kunsill Lokali, li x-xogħol se jiġi jiswa €35,591.60.

5.16.4 Spjega li anke jekk isir ir-*re-instatement* min-naħa tad-*Drainage Department* xorta waħda se jkun fadal il-pjazzetta ta' quddiem il-Palazz kif ukoll trejqa żgħira oħra li terġa' tagħti għal Triq Ħaġar Qim.

5.17 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

5.17.1 Qal li f'din it-triq sar żvilupp u t-triq djieqet ħafna.

5.17.2 Żied li hemm residenti li qegħdin ibatu l-konsegwenzi minħabba li qed jidħlu trakkijiet kbar.

5.17.3 Qal li qabel ma' tela' dan il-bini, t-trakkijiet kienu jidħlu minn għalqa minħabba li kien l-istaġun tas-Sajf. Biss fix-Xitwa dan l-aċċess ma jingħatax minħabba l-uċuh tar-raba'.

5.17.4 Is-Sindku saħaq li jekk kemm-il darba l-kuntrattur ried jibni xorta waħda anke fix-xitwa, messu ra minn fejn se jgħaddi u mhux joħloq dan l-inkonvenjent lir-residenti.

5.17.5 Qal li meta niltaqgħu mal-Ministeru tat-Toroq għandna nqajmu dan il-każ sabiex naraw kif għandna nipproċedu.

5.18 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-attivita' li l-Kunsill Lokali ser jorganizza għal Jum l-Omm se ssir nhar is-7 ta' Mejju 2013.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.18.1 Qal li għad trid tittieħed deċiżjoni jekk din l-attivita' ssirx il-*Limestone Heritage* jew inkella *Kitchen Garden*.

5.18.2 Żied li din l-attivita' se tkun bejn id-9am u s-2pm.

5.19 Il-Viċi-Sindku semma' wkoll il-paġna ta' *Facebook*, fejn qal li fi ftit jiem li l-Kunsill Lokali fetaħ il-paġna tiegħu, diġa' kien hemm ammont sabiħ ta' segwaċi.

5.19.1 Qal li wara din il-biċċa xogħol hemm bżonn li ssir *revamp* tas-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali.

5.20 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li l-Kunsill Lokali għandu jaħseb sabiex jagħmel maratona ta' mixi u ġiri.

5.20.1 Qalet li l-aħjar jekk issir qabel tibda s-sħana tas-sajf, fejn dawk li jipparteċipaw jingħataw beritta u flokk.

5.21 Il-Kunsillier Daniela Farrugia semmiet ukoll il-*bins* tal-klieb.

5.21.1 Qalet li hemm bżonn li l-Kunsill Lokali jikkunsidra li jżied dawn il-*bins* madwar il-lokalita'.

5.21.2 Żiedet li hemm bżonn li fil-Qrendi jkun hemm post fejn wieħed jista' jieħu l-kelb tiegħu.

5.21.3 Semmiet il-proposta tal-ġnien ta' wara l-grawnd magħruf bħala ta' Dun Raymond bħala post ideali fejn jista' jsir xi tip ta' *mini-park* għal dan il-għan.

5.21.4 Żiedet li permezz ta' grada u ftit għeluq wieħed ikun jista' jieħu l-kelb f'dan il-*mini-park* mingħajr ma jdejjqu lil ħadd.

5.21.5 Is-Sindku David Schembri spjega li din iż-żona hija tal-Knisja u għaldaqstant ikun hemm bżonn jinfetħu diskussjonijiet mal-Kappillan tal-Parroċċa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.21.6 Il-Viċi-Sindku qal li hu jaqbel ma' din il-proposta u jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Knisja, l-Kunsill Lokali għandu jfittex sponsor sabiex dan il-proġett ikun jista' jsir.

5.22 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar kunċert propost għal nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju 2013 f'Misraħ il-Maqluba.

5.22.1 Staqsiet jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jiflaħx li jorganizza żewġ attivitajiet f'ġimgħa waħda minħabba li l-Ħadd ta' wara se jittella' l-Festival Agrarju tal-Patata.

5.22.2 Is-Sindku qal li bħala kwotazzjoni li għandu quddiemu l-Kunsill Lokali tidher li hija għolja mhux ħażin.

5.22.3 Il-Viċi-Sindku kkummenta li din se taħbat wisq qrib tal-Festival Agrarju tal-Patata u qal li hu jipproponi li dan il-kunċert għandu jsir f'Ottubru.

5.22.4 Is-Sindku qal li fil-Qrendi hawn nies ta' ċertu talent u għaldaqstant għandna naraw jekk dawn ikunux interessati li jtellgħu xi tip ta' kunċert.

5.23 Żied li hemm bżonn li ssir *Slow* fi Triq il-15 t'Awwissu k/ma' Triq San Nikola minħabba li l-karozzi qegħdin jibqgħu neżlin bis-saħħa u jista' jkun hemm xi inċident.

5.24 Semma' wkoll problema tad-drenaġġ fi Triq il-Warda fejn hemm inspection.

5.25 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq l-*Audited Financial Statements 2012* għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.

5.25.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li japprova dawn il-*Financial Statements*.

5.26 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill Lokali lista' t'affarijiet li m'għadhomx jintużaw mill-Kunsill Lokali għax m'għadhomx jaħdmu sabiex dawn ikunu jistgħu jintremew.

5.26.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dawn l-affarijiet għandhom jitneħħew mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. FINANZI

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €16,392.66c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/13 u €54.11 skont il-*Petty Cash* Ref Q/03.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2013 fl-4:30pm.

7.2 Il-Kunsill Lokali qabel nem. con. dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

_________________________ _________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**